MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 2014/2000/1

**Kemimport Limited**

**v.**

**Eric Schembri f'ismu *proprio* u f'isem**
**id-ditta *City Fitness Gymn***

**Il-Qorti:**

1. Dan hu provvediment dwar jekk ir-rikors ta' appell tas-socjeta` attrici giex presentat "fuori termine" jew le. Dan il-

punt gie sollevat *ex officio* mill-Qorti fid-digriet taghha tat-28 ta' Jannar, 2004 (permezz ta' liema digriet giet sospiza wkoll il-prolazzjoni tas-sentenza) u dan peress li t-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li fihom iridu jigu presentati rikorsi ta' appell u atti ohra huma, kif dejjem gie deciz minn din il-Qorti, materja ta' ordni pubbliku. Din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u tat l-opportunita` lill-partijiet li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom fl-udjenza ta' l-1 ta' Frar, 2004 peress li dan il-punt ma kien gie qatt trattat minnhom.

2. Is-sentenza appellata – sentenza li s-socjeta` appellanti evidentement tqis li hi sentenza in parte – inghatat fil-11 ta' Dicembru, 2003. Fis-16 ta' Dicembru, 2003 is-socjeta` appellanti talbet il-permess ta' l-ewwel Qorti biex tappella, u dan skond ma jipprovdi l-*proviso* tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 231 tal-Kap. 16. Dik l-ewwel Qorti, b'digriet moghti fl-14 ta' Jannar, 2004 (<u>u allura wara li kienu diga` ghaddew l-ghoxrin jum mid-data tas-sentenza</u>) ordnat in-notifika tal-kontroparti u ordnat ukoll li l-istess rikors jigi trattat fl-udjenza tal-20 ta' Jannar, 2004. Fl-20 ta' Jannar, 2004 l-ewwel Onorabbli Qorti tat il-permess taghha u, peress li kien evidenti li t-terminu ta' ghoxrin jum stabbilit fl-Artikolu 226(1) tal-Kap. 12 kien ilu li ghadda, ittantat testendi dan it-terminu billi fid-digriet taghha, moghti fil-qorti bil-miftuh, ziedet tghid *"…b'dan illi t-terminu ghall-prezentata tar-rikors ta' appell jibda jghaddi millum"*. Ir-rikors ta' appell tas-socjeta` attrici gie intavolat fil-5 ta' Frar, 2004, jigifieri <u>hamsa w hamsin jum wara d-data tas-sentenza appellata</u>.

3. Din il-Qorti, kemm kif komposta[1] kif ukoll diversament komposta[2], diga` fissret li t-terminu ta' ghoxrin jum ghall-presentata ta' rikors ta' appell minn sentenza in parte jibda jiddekorri mid-data li fiha tigi pronunzjata dik is-sentenza u mhux mid-data li fiha jinghata l-permess ghall-appell. Kif gie spjegat fis-sentenza tas-16 ta' Dicembru, 2003 (ara nota *in calce* numru 2): *"Ma hemmx dubbju li l-*

---

[1] Ara ***Valle del Miele Limited v. Raphael Aloisio et*** 8 ta' Gunju, 2004; ***Carmelo Galea v. Olga Agius et*** 3 ta' Dicembru, 2004.

[2] ***Markiza Beatrice Cremona Barbaro of St. George noe v. Joseph u Cecilia konjugi Vella Galea*** 16 ta' Dicembru, 2003

*iskop tal-legislatur meta ssostitwixxa, fl-1995 bl-Att XXIV ta' dik is-sena, l-Artikolu 231 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kif kien precedentement bl-artikolu kif inhu llum, kien li jillimita l-ispezzettar tal-kawzi b'appelli interposti minn kull wahda mis-sentenzi in parte li tista' maz-zmien tinghata, bil-konsegwenti dewmien sa ma l-kawza kollha kemm hi tigi determinata, ghall-anqas fl-ewwel grad. In fatti, kif kien dana l-artikolu qabel ma gie sostitwit bl-Artikolu 114 tal-imsemmi Att, kien hemm il-possibilita` fid-diskrezzjoni assoluta tal-parti sokkombenti li jew tappella minn wahda jew aktar mid-diversi sentenzi 'wara li tinghata l-ahhar sentenza' jew li tappella minn kull sentenza separatament hekk kif din tinghata. Bid-disposizzjoni l-gdida l-legislatur ma nehhiex ghal kollox id-dritt tal-parti sokkombenti milli tappella minn sentenza in parte, izda ghamilha kundizzjonata ghall-otteniment tal-permess tal-Qorti li tkun ippronunzjat dik is-sentenza in parte. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, kull interpretazzjoni li talvolta tista' tkun mehtiega fir-rigward ta' l-Artikolu 231 ghandha tkun wahda restrittiva, u cioe` li tirrispekkja l-intenzjoni tal-legislatur li jargina z-zminijiet fl-interess tal-ispeditezza tal-kawzi."*

4. Gie spjegat ukoll f'dik is-sentenza li, galadarba l-legislatur ma pprovdiex, bhalma pprovda fil-kaz ta' digrieti interlokutorji[3], minn meta ghandu jibda jiddekorri t-terminu ghall-presentata tar-rikors ta' appell, kien isegwi li kien applikabbli ghal sentenzi in parte l-provvediment tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 226 imsemmi. Dan it-terminu hu wiehed ta' ordni pubbliku, u ebda qorti ma tista' tippretendi li tista' testendieh – kif evidentement ittantat taghmel l-ewwel Qorti fil-kaz *de quo* fid-digriet taghha tal-20 ta' Jannar, 2004.

5. Fil-kors tat-trattazzjoni taghhom fl-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2005, l-abbili difensuri tas-socjeta` appellanti indirettament accennaw ghal xi forma ta' dritt akkwezit tal-appellant f'kazijiet simili, liema "dritt" ma jistax jingieb fix-xejn bil-fatt li l-ewwel Qorti tiddeciedi li ma taghtix il-permess taghha entro t-terminu ta' ghoxrin jum mid-data

[3] Ara a propositu ***Carmelo Galea v. Olga Agius et***, nota *in calce* numru 1, *supra*.

tas-sentenza in parte izda taghtih wara dak it-terminu. Minn kif inhu formulat, pero`, il-*proviso* tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 231 imsemmi – bid-dritt ta' appell kondizzjonat ghall-otteniment tal-permess ta' l-ewwel Qorti – wiehed ma jistax jitkellem dwar xi dritt akkwezit (jew kwezit) li wiehed jappella. Tali dritt jiskatta biss jekk u meta l-ewwel Qorti, mhux aktar tard minn ghoxrin jum mid-data tas-sentenza in parte, taghti l-permess taghha. Huwa biss minn dak il-mument li wiehed jista' jitkellem dwar "dritt" ta' appell – sa dak il-mument hemm biss id-dritt (li jrid jigi ezercitat sa mhux aktar tard minn sitt ijiem mid-data tas-sentenza in parte li dak li jkun irid jappella minnha) li wiehed jitlob lill-ewwel Qorti ghall-imsemmi permess. U jekk l-ewwel Qorti ma taghtix il-permess taghha fiz-zmien imsemmi, dan jekwivali ghac-cahda ta' tali permess.

6. Fic-cirkostanzi tal-kaz presenti hu evidenti li l-appell gie presentat "fuori termine", u li huwa ghalhekk irritu u null.

7. Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddikjara l-appell interpost mis-socjeta` attrici bhala irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu, bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali. Il-Qorti tordna wkoll li l-atti jigu rimessi quddiem l-ewwel Qorti ghal-kontinwazzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------